Ħarġa numru 22: Lulju, 2014



il-pont

miġbura minn Patrick Sammut

# Editorjal

Waqt li nkun qed inqalleb il-paġni letterarji *online* spiss niltaqa' ma' frażijiet jew sentenzi li jolqtuni. Fost l-oħrajn laqtuni żewġ sentenzi ta' William Logan fl-artiklu "Poetry: Who Needs It?". Waħda minnhom kienet din: "But to live continually in the natter of ill-written and ill-spoken prose is to become deaf to what language can do." B'xi mod jew ieħor dan fakkarni f'parti kbira minn dak li qed inġarrbu llum permezz tal-mezzi tal-komunikazzjoni u minħabba dak li xi darba ħsibnieh vantaġġ biss: il-pluraliżmu fix-xandir. Illum jingħad ħafna, imma huwa verament ftit dak li hu ta' valur. Kumment ieħor ta' Logan kien dan: "My blue-sky proposal: teach America's kids to read by making them read poetry." Hija xi ħaġa komuni f'pajjiżi bħall-Ingilterra u l-Italja, imma inqas hawn Malta. Bħalissa qed niftakar f'xi xogħlijiet ta' Brother Henry Grech, fosthom l-adattament ta' *Ħrejjef Esopu* (1963), maqlubin għall-Malti f'għamla ta' kwartini b'rima mqabbża u bil-vers ottonarju, imma anki ż-żewġ ġabriet *Madwari - Poeżiji għat-tfal* (5 snin sa 13) li ħareġ fl-1971 u *Madwari 2 - Poeżiji għat-tfal* (5-10 snin) li ħareġ fl-1979.

Minn artiklu ta' Silvana Mazzocchi fis-sit www.repubblica.it ta' Mejju laqtitni din is-sentenza: "nei libri vi sono racchiusi i materiali più esplosivi che l'uomo sia riuscito ed è ancora in grado di fabbricare."

Dan b'xi mod jorbot ukoll ma' kliem Jean Paul Sartre fl-esej *Why write?* dwar l-importanza tar-rabta bejn il-kittieb u l-qarrej: "The operation of writing implies that of reading as its dialectical correlative and these two connected acts (writing and reading) necessitate two distinct agents." Sartre ikompli hekk: "The writer needs the reader to bring the work to fruition: To make it come into view a concrete act called reading is necessary, and it lasts only as long as this act can last. Beyond that, there are only black marks on paper." Il-kreazzjoni tista' ssib il-qofol tagħha biss fil-qari, ladarba l-artist irid jafda lil ħaddieħor ix-xogħol li jkompli dak li hu jkun beda. Il-kittieb jeħtieġ li l-qarrej jagħti persuntu kollha bħala rigal, bil-passjonijiet, simpatiji, temperament sesswali u skala ta' valuri tiegħu kollha. Għalhekk għal Sartre li tikteb ifisser kemm li tiżvela jew tberraħ id-dinja u fl-istess ħin toffriha bħala biċċa xogħol lill-ġenerożità tal-qarrej. Żgur li x-xhur tas-sajf se jħajru lil bosta biex din ir-rabta kittieb-qarrej tissaħħaħ.

L-aħħar riflessjoni hi marbuta mal-125 sena mit-twaqqif tal-aktar rivista tal-poeżija antika fl-Amerka, *Poet Lore,* li toħroġ darbtejn fis-sena. Wieħed mill-edituri preżenti, il-poetessa Jody Bolz tikteb hekk: "Listening for that rare music amid a cacophomy of dullness is what the magazine's critical success depends on [...] We select poems that engage us as readers because they're unsettled and unsettling in some deeply authentic way. We're not interested in cleverness or fashion or self-conscious edginess. We're interested in art." Il-vera poeżija hija dik li b'xi mod taħkem u tinvolvi lill-qarrej!

# L-AĦBARIJIET

**L-INNU MALTI KELMA B'KELMA**

Il-Ġimgħa, 23 ta' Mejju, il-Prof. Oliver Friggieri tkellem dwar "L-Innu Malti kelma b'kelma" fil-Biblijoteka Nazzjonali, il-Belt Valletta. Din it-taħdita kienet ir-raba' waħda f'sensiela ta' ħames taħditiet li saru bħala parti mill-wirja *It-Tnax-il Ruħ tal-Malti*, *l-istorja tal-ilsien Malti miktub*, li ttellgħet mill-Fondazzjoni Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali, bi sħab ma' *Malta Libraries* u d-Dipartiment tal-Malti fil-Fakultà tal-Arti tal-Università.

**TMUT POETESSA AFRO-AMERIKANA**

Nhar it-28 ta' Mejju 2014 mietet ta' 86 sena l-kittieba, poetessa, attriċi, kantanta u żeffiena, Maya Angelou. Hija twieldet fl-1928 f'St. Louis, Missouri, fl-Istati Uniti. Matul ħajjitha Angelou ħadmet qatigħ għall-ġustizzja, l-edukazzjoni u l-ugwaljanza. Fl-2010 ingħatat il-*Presidential Medal of Freedom* mill-President Obama stess. Xogħol importanti tagħha huwa l-awtobijografija tagħha (waħda minn sebgħa) *I Know Why the Caged Bird Sings* (1969), imma ppubblikat ukoll fost oħrajn il-ġabra ta' poeżiji *Just Give Me a Cool Drink of Water 'fore I Die* (1971).



**Maya Angelou tingħata l-*Presidential Medal of Freedom* mill-President Obama fl-2010.**

**PROFESSUR MALTI JIRBAĦ PREMJU FIT-TRADUZZJONI**

Fit-2 ta' Ġunju li għadda l-Prof. Anthony Aquilina ngħata l-"Premio per la traduzione" talli qaleb mill-Franċiż għall-Malti r-rakkont FUQ IL-BAĦAR/EN MER, ta' Guy De Maupassant u ddedikat lil Henry Céard. Dan seħħ fil-Municipju ta' Ostana li jinsab fil-Piemonte fit-Tramuntana tal-Italja u f'rabta mal-edizzjoni tal-2014 tal-"Premio Ostana scritture in Lingua Madre". Intant fil-31 ta' Mejju l-Prof. Aquilina kellu konversazzjoni mal-Prof. Joseph Brincat dwar is-suġġett "La lingua Maltese: l'onore e l'onere di essere lingua ufficiale dell'Unione Europea". Il-Prof. Aquilina jaħdem fid-Dipartiment tat-Traduzzjoni, Terminoloġija u Interpretazzjoni tal-Fakultà tal-Arti u jikkollabora mad-Dipartiment tal-Franċiż tal-Fakultà tal-Edukazzjoni , fi ħdan l-Università ta' Malta.



**Il-Prof. Anthony Aquilina**

**LEJLA LETTERARJA F'GĦAWDEX**

Nhar l-20 ta' Ġunju ttellgħet Lejla Letterarja oħra fil-bitha tal-*Lending Library* fi Pjazza San Frangisk fir-Rabat, Għawdex. Waqt din l-okkażjoni nqraw kitbiet ta' proża u anki poeżiji minn kittieba u poeti differenti fosthom Joe Camilleri, Ġanninu Cremona, Joe W Psaila, Charles Bezzina, Anton F Attard, Patri Remiġio Galea u Dr. Alfred Grech. Il-Kav. Joe M Attard qara l-kitba "Għawdex (il-bajjiet) fil-Letteratura". Inqraw ukoll kitbiet ta' Ġorġ Pisani u Dun Ġorġ Mercieca. Ħadu sehem Antoinette Grech, M'Louise Attard u Marija Schembri, u Mariella Cefai Spiteri kantat kanzunetti b'lirika ta' Joe Friġġieri u mużika ta' Charles Camilleri. George Cassar, mid-Dipartiment tal-Libreriji, għamel il-Kelmtejn tal-Għeluq.

**QED TIĠI FFOTOGRAFATA R-RIVISTA IL-MALTI**

IL-MALTI - il-pubblikazzjoni tal-Akkademja tal-Malti - ilha toħroġ mill-1925 u William Thierens qed jieħu r-ritratti tal-paġni kollha biex tkun aċċessibbli mill-internet. Wieħed jista' jsibhom fil-ħolqa: http://melitensiawth.com/Index.html

# L-AĦBARIJIET

**JINQATEL POETA PROMINENTI FIT-TAJLANDJA**

Fit-23 t'April li għadda nqatel il-poeta Tajlandiż Mainueng K. Kunthee li kellu 45 sena. Dan il-qtil seħħ waqt mument ta' dibattitu pubbliku u protesta fi żmien l-elezzjonijiet fit-Tajlandja. L-att faħxi ġie kkundannat mill-PEN International. Din uriet id-dubji tagħha rigward is-sigurtà ta' kittieba, attivisti u akkademiċi fit-Tajlandja li qed jiġu attakkati jew maqfula l-ħabs ta' sikwiet. Fakkret lill-awtoritajiet li huma fid-dmir li jipproteġu d-dritt għal-libertà tal-espressjoni. Mainueng K. Kunthee ilu magħruf għall-poeżiji tiegħu sa mis-snin tmenin. Kien jikteb fi stil poetiku dirett u qatt ma beża' jwassal messaġġi politiċi ta' ċerta saħħa. Kien magħruf bħala wieħed mill-poeti tal-grupp tar-"Red Shirts" proprju għax kien kontra tmexxija dittatorjali.

**IL-POETA YEVGENY YEVTUSHENKO F'MALTA**

Il-poeta Russu - li huwa wkoll kittieb, attur u direttur tal-films - kien il-protagonist ta' serata letterarja li fiha ġew ippreżentati wħud mill-poeżiji tiegħu maqlubin għall-Malti. Dan seħħ fit-28 ta' Ġunju fil-Kappella Russa fil-Palazz tal-President, San Anton, Ħ'Attard. Is-serata ġiet moderata mill-kittieb Immanuel Mifsud, rebbieħ tal-Premju Ewropew għal-Letteratura. Dan l-avveniment sar fuq inizjattiva tal-Kunsill Malti għall-Arti u ta' Snezhana u Evgueni Bodishtianu, prinċipali tal-*RBSM Boarding School* Internazzjonali f'Malta. Ħajr ukoll lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. L-avveniment sar bil-Malti, bla ħlas u kien miftuħ għal kulħadd. Wara kien hemm riċeviment.



**Il-poeta Yevgeny Yevtushenko**

**SALMAN RUSHDIE JIRBAĦ IL-PREMJU PEN PINTER 2014**

Il-kittieb Anglo-Indjan Salman Rushdie se jingħata l-premju PEN Pinter li ġie stabbilit fl-2009 u jingħata kull sena lil kittieb li eċċella fil-qasam letterarju. Rushdie huwa l-awtur ta' xogħlijiet bħal *Midnight's Children* (1980), *The Moor's Last Sigh* (1995) u *The Satanic Verses* (1988). Minħabba dan tal-aħħar kellu jgħaddi snin moħbi taħt theddida tal-mewt. Iċ-ċerimonja tal-premjazzjoni se ssir fil-British Library fid-9 ta' Ottubru li ġej. Fl-imgħoddi l-istess premju ntrebaħ minn Tony Harrison (Ingilterra), Hanif Kureishi (Ingilterra), Carol Ann Duffy (Skozja) u Tom Stoppard (Ingliż, imwieled fir-Repubblika Ceka).

**CHARLES WRIGHT BĦALA L-*POET LAUREATE* AMERIKAN ĠDID**

Il-*Library of Congress* ħabbret li l-*poet laureate* l-ġdid se jkun Charles Wright, awtur ta' kważi 24 ġabra ta' versi li jorbtu flimkien il-wirt tal-moderniżmu Ewropew ma' evokazzjonijiet mistiċi tal-pajsaġġ Sud-Amerikan. Wright għandu 78 u huwa professur irtirat fl-Università ta' Virginja. Rebaħ bosta premjijiet prestiġjużi fosthom il-*Pulitzer*, in-*National Book Award*, il-Premju Bollingen u l-Premju tal-Poeżija Ruth Lilly. Fost l-elementi li ssemmew f'rabta mal-kitba tiegħu hemm l-eleganza letterarja, l-umiltà ġenwina, għadd infinit ta' kliem mill-isbaħ mgħoddija permezz ta' freskezza kostanti. Fost il-ġabriet poetiċi tiegħu ta' min isemmi *Southern Cross* (1981), *Country Music* (1982), *Black Zodiac* (1997) u *Caribou* (2014). Il-post ta' *poet laureate* jdum sena, għalkemm xi drabi jiġi estiż għal sentejn u jintrabat ma' ftit dmirijiet uffiċjali. Imma mbagħad bosta *poet laureates* jinvolvu ruħhom f'diversi proġetti pubbliċi: hemm min kien jiltaqa' regolarment mal-pubbliku fil-*Library of Congress,* min kien jikteb bla ħlas artikli f'gazzetti differenti u min ippromwova l-poeżija permezz tal-istudenti.

**ŻEWĠ DATI IMPORTANTI**

Fid-29 ta' Mejju 1874 twieled Gilbert Keith Chesterton, f'Londra. Fit-28 ta' Ġunju 1867 twieled Luigi Pirandello, f'Girgenti, li llum nafuha bħala Agrigento.

# L-INTERVISTA

## Tarcisio Zarb

*Tarcisio Zarb (1952 - ) huwa għalliem li jinteressa ruħu fl-esperjenza tal-lingwa, il-letteratura, il-pedagoġija, u l-aspetti ta' nebħ kritiku, li joħorġu mill-fenomenoloġija tal-interazzjoni mal-istudenti, kif ukoll fis-'solitudnijiet' tiegħu. Riżultat ta' din l-esperjenza, barra t-tagħlim-tgħallim, huwa kiteb xi kotba fuq il-letteratura, il-foklor u l-grammatika fost oħrajn.*

**Kemm għadha valida fuq livell soċjali l-poeżija llum (fi xtutna u barra minn xtutna)? U jekk għadha valida liema tip ta'poeżija?**



Il-kostrutt poetiku, forsi aktar milli l-poeżija, jinbena u jitbiddel skont id-'discourse' taż-żmien li jkun. Fiż-żmien tagħna, żmien postmodern ta' relattiviżmu, il-'poeżija', fl-idea tiegħi, għadha ħajja. Ovvjament, din tinbidel u taddatta ruħha skont il-ħtiġijiet, u l-modi ta' espressjoni ta' żminijietna. Il-poetiċità, għaldaqstant tista' taraha u tħossha, b'mod moħbi, kif ukoll b'mod miftuħ imxerrda f'naħat varji tad-dinja ta' żmienna, id-dinja diġitali, id-dinja tar-reklamar, id-dinja tal-moda, id-dinja tal-mużika. Jekk tieqaf tinnota l-fenomenoloġija ta' madwarek, u xejn anqas l-istess lingwa li titkellem, tinnota dawk ix-xejriet 'rettoriċi', li ħafna drabi konna nfittxuhom, biss, fil-poeżija - dak il-ġeneru ta' kitba li jinkiteb skont ċertu formularju u ċerti regoli. Dan il-fenomenu, fl-idea tiegħi, huwa wieħed dinji, minħabba li llum il-ġurnata l-fruntieri ġeografiċi rriċedew, u għaldaqstant hemm ivvjaġġar kontinwu għaddej bejn dawn il-fenomenoloġiji lingwistiċi li 'tradizzjonalment', konna nsejħulhom poeżiji.

**Xi tgħid dwar il-poeżija u l-proċess tat-tagħlim tagħna fl-iskejjel? X'qed iseħħ u x'jista' jseħħ biex tintlaqa' dejjem aħjar mill-ġenerazzjonijiet iż-żgħar?**

Il-poeżija fil-kuntest tat-tagħlim-tgħallim tieħu dimensjonijiet varji u differenti għall-aħħar, mill-interazzjoni bejn l-għalliema u l-istudenti. Ħafna drabi, bħala regola, il-poeżija, aktar milli 'poeżija', fis-sens, fost oħrajn ta' sinteżi ta' essenzjalità umana f'dimensjonijiet spiritwali, kritiċi jew analitiċi fost oħra, tintqies biss, bħala 'mkien' fejn il-lingwa tieħu ċertu tip ta' 'prestazzjoni'. Għaldaqstant, il-poeżija tibda tittieħed bħala l-imkien/discourse, fejn wieħed isib il-figuri rettoriċi, tal-ħoss, u l-metagrammatika ta' din it-tip ta' esperjenza umana. Fl-istess ħin, tittieħed bħala eżerċizzju ta' sinteżi jew analiżi u ortografija għal skop ta' eżami. Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni, nemmen, li l-poeżija fil-'klassi', trid tibda tintqies bħala mod kif l-esperjenza umana tista' tibda tiġi 'intuwita' aktar permezz ta' lingwa, li 'forsi', hija aktar qrib lejn il-bniedem u l-qiegħ nett ta' ruħu.

**X'inhi l-utilità tal-kritika letterarja f'rabta mal-apprezzament tal-poeżija? Xi tgħid dwar il-fatt li l-kritika letterarja hi fuq kollox xjenza u anki dixxiplina?**

Il-kritika letterarja hija mod ta' fehim l-esperjenza umana, li għandha s-sehem tagħha fl-iżvilupp konoxxittiv, fost oħrajn ta' min isegwi b'impenn. Ovvjament, il-kritika letterarja fir-realtà tista' tittieħed minn għadd ta' perspettivi, fosthom dawk psikodinamiċi, dawk testwali, dawk politiċi, femministi, semjotiċi eċċ. Fl-idea tiegħi, kull tip ta' għarfien soċjoloġiku, psikoloġiku, lingwistiku, newroloġiku u l-bqija li l-istudenti u l-għalliema jkollhom, jistgħu jgħinu biex isinnu l-perċezzjonijiet tal-għalliema u l-istudenti.

# IR-RUMANZ

# *BIŻA' U KURAĠĠ*

**Karmenu Mallia**




***Din hija silta mid-diskors li Karmenu Mallia, l-awtur tar-rumanz* Biża' u Kuraġġ*, għamel fis-serata tal-Ġimgħa 28 ta' Frar 2014, fil-Kunsill Lokali, Il-Berġa ta' Franza, Triq Hilda Tabone, Il-Birgu.***

[...] Tistennewx minn għandi li nimbarka fuq kritika letterarja ta' dar-rumanz tiegħi. Jiġifieri tistennewx li se neżamina bil-għan li niċċara, nispjega u napprezza. Dan jien ma nistax nagħmlu, l-ewwelnett ma jixraqx li nagħmlu jien; dan inħallih għal ħaddieħor. It-tininett hawn m'għandniex ħin biżżejjed biex ninfirxu fuq spjegazzjoni ta' dix-xorta.

Nistħajjilkom tgħidu: mela x'inhi dil-kritika letterarja, x'waħdadin, kemm se ġġibha bi kbira! Kritika letterarja hi rikostruzzjoni (ri+kostruzzjoni), jew bini mill-ġdid, ta' avventura spiritwali, dik jiġifieri tal-awtur in kwestjoni. Skont awtur Franċiż, tikkritika rumanz, poeżija jew esej mhi xejn ħlief tagħmel mistoqsija lill-awtur jew aħjar qisek qed titlolbu, lill-awtur, jagħtik permess tiegħu xogħlijietu f'idejk biex tgħarbilhom u forsi tifhimom aħjar. Jekk mhux ukoll ikun hemm min itertaqhom, l-agħar metodu li jista' juża kritiku. Dan, ippermettuli, insejjaħlu bossing letterarju, inġustizzja u immoralità fejn il-kritiku jkun niżel fil-qiegħ nett li jista' jinżel.

Kritika letterarja serja tfisser li turi t-triq minn fejn l-awtur ikun għadda: dwejjaq jew/u ferħ biex ħalaq xogħlijietu. Nagħti eżempju ta' dan. Nieħdu l-Giuseppe Verdi - il-kexxun tal-mużika u dak letterarju jixtiebhu ħafna. Verdi jistqarr li meta kien ikun qed jikkomponi xi Opri tiegħu, fosthom in-*Nabucco*, hu u jniżżel in-noti kien jibki fuq il-manuskritt. Dan, awtur Franċiż ieħor, Roy, sejjaħlu: "*compréhension créatrice*", toħloq u tifhem, jew aħjar tidħol fil-fond ta' dak li tkun qed toħloq. U biex tagħti l-attenzjoni tiegħek kollha lill-karattri ta' rumanz tkun qisek qed tgħolli xi tużżana platti f'salt bla ma twaqqa' wieħed. Dan hu fl-aħħar mill-aħħar xogħol l-awtur: idur mal-karattri l-ħin kollu u jara għadhomx hemm u humiex qed jobdu l-movimenti tiegħu.

Hawn tajjeb niftakru li l-awtur Amerikan magħruf Ben Bova kien ġabar xogħol ir-rumanzier f'kelma waħda: "*troublesome*", jiġifieri, iċaqlaq l-ilma, iħabbat il-karattri ras ma' ras. Fl-aħħar mill-aħħar mhux dik hi l-ħajja? Mit-twelid sal-mewt, ġlieda waħda. Il-letteratura tesprimi l-għajta tal-bniedem biex jifhem lilu nnifsu u jipprova jagħmel sens mill-kakofonija li toffrilna ħajja.

Dan l-aħħar, qrajt storja interessanti. Raġel kien qed jistrieħ fi ġnien. Quddiemu tfaċċa tifel. Wara li qagħad iżebbeġ lejh, ir-raġel staqsieh x'ried. It-tifel malajr ħa l-kunfidenza u staqsa lir-raġel: "Int qed tarani?"

"Mela le," wieġbu r-raġel. Xagħar safrani, qmis iċċekkjata, qalziet griż. Mela mhix qed narak, min jisimgħek? Imma għala qed tistaqsini dan?"

It-tifel wieġeb: "Għax naħseb li ħadd mhu jarani. Inkellem 'il missieri, jibqa' wiċċu mkaħħal mal-kompjuter; inkellem lil ommi fil-kċina, tibqa' ssajjar; oħra: darba missieri u ommi kellhom taħdita sigrieta. Jien kont hemm u naħseb li ma riedu 'l ħadd jisma' x'kienu qed jgħidu. U baqgħu jitkellmu, qishom mhux huma. Quddiemi. Mela ma rawnix. Allura ħadd mhu qed jarani."

"Imma, ċkejken tiegħi, jien qed narak taf, u qed inkellmek ukoll."

It-tifel dawwar denbu u telaq 'l hemm.

Meta qrajtha, din l-istorja tefgħatni ngħum fil-qalba tal-aħħar rumanz tiegħi: *Biża' u Kuraġġ* [...]

Biex inkompli mal-istorja li kont qed nirrakkontalkom, ħassejt il-karattri tal-ktieb tiegħi qed jistaqsuni: "Sur Karm, int qed tarana?"

Qbadt nidħaq.

"Jien? Ma narakomx? Iddaħħqunix tridu! Kif, ma narax 'il Fredu Flores li kien iħobb 'il-ballerina Célestine Bijou? Ma narax lit-Tabib Michel Bru li kien makakk biżżejjed biex lil ħabibu Fredu ħataflu

# *BIŻA' U KURAĠĠ* kont...

t-tfajla ta' qalbu? Ma narax 'il Hilda Flores, poetessa u artista li flimkien mal-Għaqda San Lawrenz tal-Każin kienet se tkanta l-innu ġdid li kitbitilhom hi stess? Ma narax lill-Avukat Bastjan imlaqqam 'Il-Lellekkin' li għamel waħda tinkiteb imma li baqa' jiġri wara Hilda wkoll wara li din daħlet mas-sorijiet Benedittini tal-Birgu?

Kif? Ma narax lill-Kanonku Dun Belin li kien imexxi ż-żgħażagħ tal-Każin u li wkoll Ħal Qormi, fejn kien mar rifuġjat flimkien ma' oħrajn minħabba l-gwerra, kien jagħti s-sehem tiegħu, l-aktar meta rnexxielu jħoll il-kobba mħabbla tal-'miraklu ta' San Ġorġ' li kien għoddu qajjem 'il Ħal Qormi kollu? Kif, ma narax 'il Wenzinu, l-aqwa pastizzar magħruf tal-Birgu? 'Il Miriam, jew lis-Surġent Ċaflas li marlu moħħu wara li splodiet bomba maġenbu, il-Foss tal-Birgu?

Ħadd minn dawn il-karattri ma jista' jistaqsini hux qed narah. Kull rumanzier ma jistax ma jagħrafx il-karattri li jkun ħolom bihom u li jitfagħhom jgħumu fl-istorja li jkun sawwar. Awtur ta' rumanz nistħajlu qed iżomm ir-riedni ta' diversi żwiemel u jmexxihom min 'l hemm, min 'l hawn. Dan kien qalu wkoll William Faulkner. Isimgħuh: "*It begins with a character, usually, and once he stands up on his feet and begins to move, all I can do is trot along behind him with a paper and pencil trying to keep up long enough to pour down what he says and does.*" Ma' dan kollu jaqbel ukoll ir-rumanzier Joss Whedon: "*You take people, you put them on a journey, you give them words, you find out who they really are.*"

Jien m'għamiltx anqas jew aktar minn dawn ir-rumanzieri magħrufa.

*Biża' u Kuraġġ* temmejtu parti l-Kunvent u parti, biex ma ngħidx ukoll fl-istess ħin, il-Port il-Kbir waqt l-apotéosi tal-Konvoj ta' Santa Marija, fi tmiem il-gwerra. It-tnejn jitfgħu 'l-qarrej f'nofs katidral imsebbaħ b'dawl it-tama u l-kuraġġ ta' ħajja aħjar. Fil-kunvent, imbagħad daħal jgħarrex biex jistrieħ l-ispirtu li ħareġ mill-battalja tal-'*Illustrious*' sorġuta fil-Port il-Kbir, b'ġirja waħda għal trijonf il-ħeġġa, għal trijonf il-kuraġġ tal-Maltin fuq il-kilba ta' min ried umanità meqruda, imħabbra u kkalkulata sewwa ħafna qabel fil-famuż xogħol ta' Hitler *Mein Kampf*.

Fl-aħħar mill-aħħar, aktar minn sħabhom l-oħra, Hilda, Miriam u Dun Belin jirkaċċaw bħala t-*three musketeers* li jgħaqqdu r-rumanz kollu kemm hu. Mela altru kontx nafhom il-karattri li ħlaqt, altru rajthomx. Għalkemm nistqarr li wħud minnhom sirt nafhom aktar wara li ħlaqthom milli qabel.

Jien naħseb li f'dak l-għaks u l-ġenn kollu tal-gwerra, l-imħabba kienet ir-reġina tal-istorja tiegħi. Kien l-awtur Spanjol Calderon de la Barca li qal: "Meta l-imħabba mhix ġenn mhi mħabba xejn." U naħseb li f'dar-rumanz tiegħi l-imħabba kienet altru li ġenn. Tant li, biex nislet karattru wieħed biss, il-ġenn ta' Hilda sakkarha, ħalliet kollox u offriet kulma kellha lill-Ħaruf Divin [...]

Nispiċċa bi storja żgħira. Żewġt ixjuħ kellhom xi jgħidu. Ritratt tal-ħajja ta' kuljum, għax ukoll l-imsaren fiż-żaqq igergru. Wara xi jumejn silenzju bejniethom, għodu għodu x-xwejjaħ, ta' makakk li kien, qam jiftaħ il-kxaxen, iqalleb u jfittex. Martu, wara dawk il-gdiedem kollha, staqsietu x'kien qed iqalleb jagħmel. It-tweġiba ta' żewġha? "Qed infittex leħnek."

Il-qarrej jaqbad ir-rumanz f'idu, iħabbat fuq il-ktieb, ifittex u jibqa' ċert li jibda jisma' dawk l-ilħna li kien ħolom bihom l-awtur biex ma jibqgħux qishom robots imma jibdew jgħixu quddiemu.

Ħabbat fuq rumanz magħluq, xi ħadd jiftaħlek żgur. Rumanz hu mimli ilħna li lesti jsemmgħulek l-istorja tagħhom, forsi wkoll il-filosofija tagħhom.

Tibżax minnhom. Ismagħhom. U tinsiex, kompli int ix-xogħol li jkun ilu li beda l-awtur [...]

**Ir-rumanz *BIŻA U KURAĠĠ* ta' Karmenu Mallia ġie ppubblikat mill-BDL fl-2013. Huwa xogħol li jifrex fuq 382 paġna. Jinsab għall-bejgħ fil-ħwienet tal-kotba ewlenin.**

# IL-POEŻIJI

**FIL-35 ANNIVERSARJU TAŻ-ŻWIEĠ TAGĦNA (1979-2014)**

* Malti:
Nehda noħlom bil-ġejjieni qisni ma ser immut qatt;
Nehda nsoff ħlewwiet il-ġonna: l' għandi Sibt u lanqas Ħadd.

* Ingliż:
But I never wander lonely since we fight or smile in tandem
Up and down the ladder daily using words of love at random.

* Taljan:
Ecco il cielo che risplende, ecco il riso degli augelli,
Ecco noi che camminiamo tra i guai e tempi belli.

* Franċiż:
Comme un tourbillion cocasse, notre amour si merveilleux
Chante ainsi comme une église sous un ciel béni de Dieu.

* Esperanto:
Komfortigi nian koron celas ni dumnokte, tage,
Kvankam nia vojireto forvojaĝas tro zigzage.

**KARMENU MALLIA**
**19.5.'14**

**AWAKING IN NEW YORK**

Curtains forcing their will
against the wind,
children sleep,
exchanging dreams with
seraphim. The city
drags itself awake on
subway straps; and
I, an alarm, awake as a
rumor of war,
lie stretching into dawn,
unasked and unheeded.

**MAYA ANGELOU**
**L-Istati Uniti**

**IL-QLUGĦ**

Il-qlugħ ibajjad waħdani
Fiċ-ċpar tal-baħar kaħlani!..
X'qed ifittex f'pajjiż imbiegħed?
X'telaq warajh f'art it-twelid?..

Il-mewġ jogħla, ir-riħ ivenven,
U l-arblu jfaqqa' u jintlewa...
Le, mhux qed ifittex l-hena,
Lanqas qed jaħrab minnha!

Merżuq ta' ilma taħt kaħlan,
U fuqu - r-raġġ dehbi tax-xemx...
Iżda jixxennaq għall-maltemp, ribell,
Għax donnu fih isib 's-serħan!

**MIKAIL LERMONTOV**
**(Maqluba mir-Russu għall-Malti minn Yana Psaila)**

**L-AĦĦAR GĦANJA**

Illejla malli jidlam
u jaqa' s-skiet madwari,
inħalli darba għal dejjem
il-kenn u l-wens ta' dari.

Bħaċ-ċinju tal-għadira
fil-ħemda ta' flgħaxija,
minn qalbi toħroġ għanja
fejn ilha tant moħbija.

Bħaċ-ċinju nixtieq ngħanni
din l-għanja aħħarija,
għax issa tmiemi wasal
u rrid immur mal-bqija.

Din mhix għanja ta' diqa
imma hija biss tislima
lil dawk li qasmu miegħi
xi demgħa jew tbissima.

**CHARLES CASHA**
**(mill-ġabra ta' poeżiji, *Mumenti*, 2013)**

# MINN FUQ L-IXKAFFA




***TAĦT IL-ĦARRUBA* ta' Alfred Massa, Dom Communications, 2014.**

Dan hu l-ħdax-il rumanz ta' Alfred Massa, awtur ukoll ta' żewġ ġabriet ta' poeżija u President Onorarju tal-Għaqda Poeti Maltin. Hawn għandna rumanz b'tema soċjali u ambjentat f'Malta tas-snin erbgħin u ħamsin. Huwa xogħol li għandu varjetà ta' elementi, fosthom storja, folklor, drawwiet u kummenti marbutin mal-ħajja Maltija ta' dawk iż-żminijiet. Il-*plot* idur madwar il-familja Caruana: hemm il-ġenituri u l-ulied. Hemm it-traġedja u l-mewt. Jitħaddem il-mekkaniżmu narrattiv tal-*flashback*: hawn naqraw dwar ħbiberiji li jħallu togħma qarsa, imħabbiet, twelid u mewt, istituti, adozzjonijiet u aktar. Hemm ukoll il-Ħarruba li magħha jintrabtu għadd ta' tifkiriet. Dan hu rumanz ieħor ta' Massa li bla ma jgħabbi wisq moħħ il-qarrej jagħtih okkażjoni biex jieħu gost waqt li qed jaqra, u fl-istess ħin inissel numru ta' mistoqsijiet li jżommuh kurjuż sal-aħħar.




***DIJASPORI* ta' Salv Sammut, Horizons, 2014.**

Dan hu rumanz ieħor ta' Salv Sammut, illum Segretarju tal-Għaqda Poeti Maltin. Ħareġ fl-okkażjoni ta' għeluq l-għaxar snin mis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea u huwa ddedikat lil dawk kollha li fi żmien il-kampanja referendarja kienu favur jew kontra u ħadmu għal dak li emmnu fih. Fil-fatt niltaqgħu ma' tliet karattri - Rebecca, Pavel u Ronald - fil-Barrakka ta' Fuq lejlet l-ewwel ta' Mejju tal-2004, kull wieħed b'aspirazzjoni personali u differenti minn tal-ieħor f'rabta mal-avveniment tat-tkabbir tal-Unjoni Ewropea. Hemm it-tfalja bint Laburist konvint, mela kunflitt dirett bejn missier u bint; hemm poeta Slovak li fl-aħħar parti tas-snin 60 ikkollabora ma' personalitajiet differenti biex pajjiżu jinħeles mill-ħakma komunista; hemm ukoll uffiċjal għoli fil-GWU b'taqbida ġewwiena għax jemmen li pajjiżu għandu jkun fl-UE u fl-istess waqt jaf li l-iżvantaġġi li jista' jkun hemm ma jkunux ta' benefiċċju għall-membri tal-unjin tiegħu. Plot interessanti u attwali tassew li żgur jingħoġob minn min jaqra *DIASPORI*.




***CANDIDE JEW L-OTTIMIŻMU* ta' Voltaire, maqlub għall-Malti minn Alfred Palma, Dom Communications, 2014.**

Isem Palma llum hu sinonimu mat-traduzzjoni. Qaleb bosta kapulavuri letterarji mit-Taljan, l-Ingliż u l-Franċiż għall-Malti u għal dan ix-xogħol ġie rrikonoxxut u ppremjat barra minn Malta aktar minn f'pajjiżu stess. Din id-darba Palma qed jagħtina f'ilsienna xogħol ta' kittieb Franċiż spirituż li hawn ironikament jittratta s-sofferenza. Huwa wkoll xogħol filosofiku fejn Voltaire jistaqsi numru ta' mistoqsijiet marbutin mas-sofferenza, fosthom: "Jekk il-Ħallieq huwa tajjeb u omnipotenti, kif jgħidulna li hu ma setax jagħmel id-dinja aħjar?". *Candide* nkiteb fl-1758, mela qabel ir-Rivoluzzjoni Franċiża u fi żmien l-Illuminiżmu. Voltaire kellu 64 sena u kellu fama kbira bħala drammaturgu traġiku, poeta epiku u storiku b'moħħ liberali. Dan u aktar jingħad fid-Daħla li Alfred Palma għoġbu jagħtina fil-bidu ta' din it-traduzzjoni frott bniedem li kien ipprovoka l-għadab tal-Knisja u tal-Istat fi Franza permezz tas-satira, żufjett u ridikolar min-naħa tiegħu minħabba tmexxija awtoritarja mhix xierqa.